# QORTI CIVILI
# (Sezzjoni tal-Familja)

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2016.**

**Rikors Revoka Numru: 48/2016/LSO**

**Fl-Atti tal-Mandat numru : 51/2016/AF fl-ismijiet:-**

**Rita Portelli (ID 69054 M)**

**vs**

**Peter Portelli (ID 574942 M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' **Peter Portelli** pprezentat fl-4 ta' Marzu 2016 fejn espona :-

IIli l-attrici kienet kawtelat il-pretensjoni taghha permezz ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 129/2010 JA kontra l-esponenti ghall-ammont ta' €69,675.74 liema sekwestru gie akkordat fl-10 ta' Gunju tal-2010 (kopja mmarkata bhala Dok A);

Illi saru diversi cedoli fir-registru tal-Qorti tul dawn l-ahhar snin u jirrizulta illi hemm is-somma ta' €81,871.20 ddepozitata, u b'hekk hemm bizzejjed fondi sabiex jissodisfaw il-pretensjonijiet tal-attrici (kopja tal-lista tac-cedoli mmarkata bhala Dok B);

Illi l-esponenti kien intavola rikors fis-19 ta' Jannar 2016 fl-atti tal-Mandat 129/2010 JA fejn talab illi gialadarba l-pretensjonijiet tal-attrici huma sodisfatti bid-depoziti li hemm fir-registru, li huma ferm aktar minn dak li kien intalab fil-mandat, illi l-mandat ghandu jigi mhassar *stante* illi hemm bizzejjed flus iddepozitati l-Qorti biex iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet jew pretensjonijiet tal-attrici (kopja mmarkat bhala Dok C);

Illi permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti l-lmhallef Joseph Micallef datat 18 ta' Frar 2016, l-esponenti gie awtorizzat sabiex jaghmel il-kontro-mandat (kopja mmarkat bhala Dok

D) u dan wara li ra r-risposta tal-attrici u s-sentenza bl-istess ismijiet tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja li nghatat fis-17 ta' Frar 2016 u b'hekk l-Onorabbli Qorti rat illi pretensjonijiet tal-attrici, anke wara s-sentenza, ghadhom kawtelati u dan gie akkordat fl-24 ta' Frar 2015 permess tal-kontro-mandat bin-numru 50/2016 AF (Dok E);

Illi immedjatament wara proprju fis-26 ta' Frar 2016 l-attrici ghamlet il-mandat odjern sabiex tikawtela l-istess pretenzjonijiet li kienet ikawtellat fil-mandat numru 129/2010 u dan bi ksur tal-artiklu 836 (5) li jghid li ebda att ma jista' jinhareg biex jiggarantixxi l-pretensjoni kemm-il darba fir-rikors ghall-hrug ta' dak l-att ma jigix iddikjarat illi jkunu nqalghu cirkostanzi godda li jiggustifikaw il-hrug tal-att gdid (Dok F);

Illi l-esponenti qieghed jsofri minn pregudizzju kbir ghax minkejja li hemm fondi fil-kontijiet tieghu ma jistax jkollu access ghal dawn il-flus filwaqt Illi l-attrici tircievi manteniment regolari mill-pensjoni tal-esponenti;

Illi l-esponenti kien gie zgumbrat mid-dar matrimonjali u fil-prezent qieghed jghix il-Mellieha go post li huwa minghajr il-bzonnijiet bazici;

Ghaldaqstant galadarba l-pretensjonijiet tal-attrici huma sodisfatti bid-depoziti li hemm fir-registru li huma ferm aktar minn dak li kien intalab fil-mandat, u dan kif gie ukoll deciz

mill-Onorabbli Qorti permess tad-digriet tad-19 ta' Frar 2016, l-esponenti umilment jitlob:

1. Illi a bazi tal-Artikolu 830 (2) (a), il-mandat ghandu jigi mhassar *stante* illi hemm bizzejjed flus iddepozitati il-Qorti biex iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet jew pretensjonijiet tal-attrici kif ukoll li l-kondizzjonijiet tal-artikolu 836 (1) (c), (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma ssodisfatti sabiex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jigi revokat u;

2. Illi r-rikorrenti tigi kkundanata thallas penali ta' mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhuz izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) *stante* illi l-mandat inhareg minkejja li ma kienx hemm dubju dwar il-likwidita` tieghu li l-konvenut setgha jhallas it-talbiet tar-rikorrenti peress li l-flus kienu taht l-awtorita` tal-Onorabbli Qorti u dan kienet tafu r-rikorrenti ghax kienet giet innotifikata bir-rikors u c-cedoli u dan skont l-artikolu 836 (8) (c) u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija wahda li saret b'malizzja, frivola u vessartorja skont l-artikolu 836 (8) (d);

3. Illi r-rikorrenti tigi ukoll ikkundanata thallas danni skont l-artikolu 836(9).

4. U dan bi spejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-digriet tal-4 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti ordnat lill-kontro parti li permezz ta' nota fi zmien sebat (7) ijiem min-notifika ta' l-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti ma' ghandhomx jintlaqghu, u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-15 ta' Marzu 2016.

Rat in-nota ta' Rita Portelli detentrici tal-Karta tal-Identita` Numru 69054(M) *ai termini* tad-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Marzu 2013.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru l-partijiet assistiti minn Dr Leontine Calleja u Dr Yana Micallef Stafrace. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li nghatat sentenza finali fil-kawza fl-ismijiet odjerni izda sallum ghadhom ma sarux il-proceduri sabiex il-Mandat jigi rez ezekuttiv. Dr Micallef Stafrace talbet l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza fl-istess ismijiet bin-numru 367/09/AL, u billi l-Qorti riedet tiddeciedi biss fuq bazi *prima facie* kif ukoll fit-termini tar-rikors odjern, cahdet it-talba. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi dan hu rikors ipprezentat minn Peter Portelli kontra Rita Portelli, martu minnu legalment separata,ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi ippresentata minn martu fis-26 ta' Frar 2016.

Ikkonsidrat li r-rikorrent qed jitlob it-thassir fis-shih tal-Mandat ta' sekwestru premess billi jissottometti li l-pretensjonijet tal-ezekutanti huma gja kkawtelati *ai termini* tal-**artikolu 830(2)(a) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li :-

*"830(2)(a) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 870 u tal-artikolu 357 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, dawk l-atti msemmijin fis-subartikolu (1) jiġu mħassra, kemm-il darba l-parti li kontra tagħha l-att ikun ġie maħruġ, tagħmel depożitu jew tagħti garanzija illi, fl-opinjoni tal-qorti, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, ikunu biżżejjed biex iqiegħdu fiż-żgur il-jeddijiet jew il-pretensjonijiet imsemmija fl-att, jew jekk jintwera li l-att ġudizzjarju li bih tiġi aċċettata r-responsabbiltà kif imsemmi fis-subartikolu (3) ġie preżentat fir-reġistru xieraq."*

Inoltre l-ezekutat jinvoka d-disposizzjoni tal-**artikolu 836(5) tal-Kap 12** li jiddisponi hekk:

*(5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma*

*jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma iddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors."*

Il-fatti mhumiex in kontestazzjoni. Il-partijiet isseparaw gudizzjarjament permezz ta' sentenza li ghaddiet in gudikat fl-istess ismijiet premessi, moghtija fis-17 ta' Frar 2016 (Rik Gur. 367/09AL). Il-punt ta' referenza tad-drittijiet pretizi mir-rikorrenti u l-fonti guridiku taghhom huwa proprju din is-sentenza, esebita in atti.

Illi izda jirrizulta li fil-kaz odjern, ir-rikorrenti kienet gja ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-10 ta' Gunju 2010 (Mand Sek. 129/2010) ghall-ammont ta' €69,675.74 in kawtela tad-dritt taghha ghall-manteniment ikkalkolat bir-rata ta' €100 fil-gimgha tul hames (5) snin ammontanti ghal €2600 u sehma mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha fl-ammont ta' €43675.74, b'kollox €69675.74.

Fil-mori tal-proceduri gew depozitati diversi ammonti f'somma komplessiva ta' €81,871.20 skont kif jirrizulta mid-

dokumenti esebiti, liema ammont mhuwiex qed jigi ddisputat.

Illi r-rikorrent odjern kien ipprezenta rikors ghar-revoka tal-ewwel mandat *stante* li hemm bizzejjed fondi depozitati taht l-awtorita tal-Qorti sabiex ikopru l-pretensjoni tal-ezekutanti[1]. B'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-18 ta' Frar 2016, din it-talba giet akkolta (Dok D).

Kien wara dan id-digriet li l-intimata pprezentat talba ohra ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru iehor li jifforma l-mertu ta' din il-vertenza. Din id-darba l-mandat intalab in kawtela tal-ammont ta' €73,834.10 rapprezentanti id-dritt taghha ghall-hlas ta':

- Nofs l-ammont depozitat bic-cedoli annessi wara l-hrug tal-mandat 129/10;
- €10,000
- Manteniment ikkalkolat bir-rata ta' €87.50 ghall-hames snin ammontanti ghal €22,750 rizultanti mis-sentenza fuq indikata.

Ikkonsidrat bhala l-ewwel punt li l-premessi tal-mandat *de quo* huma differenti mill-premessi tal-Mandat 129/2010 u hija imsejsa fuq is-sentenza moghtija bejn il-partijiet. Ghalhekk il-kawzali u s-somma pretiza fiz-zewg mandati

[1] Rikors ipprezentat fid-19 ta' Jannar 2016.

huma distinti. Isegwi li **l-artikolu 836(5) tal-Kap 12** mhuwiex applikabbli.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

Illi dan ir-rikors qed issir abbazi tal-**artikolu 836(1)(c) (e) u (f) tal-Kap 12 li jipprovdi:**

**"*836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l- att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l- att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(c) jekk jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor jew inkella dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni*;

(e) *jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li*

*dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi l-pern tal-vertenza tallum jirrisjedi fil-fatt li l-ammont li qed jintalab li jigi kkawtelat huwa gja kopert bic-cedoli ta' depoziti maghmula fl-atti tal-mandat 129/2010. Dwar l-ammont tad-depozitu, kif gja kkonstatat, hemm qbil li gie depozitat €81,871.20.

Ikkonsidrat li bis-sentenza succitata, l-attrici giet assenjata nofs (1/2) is-somma depozitata fil-Qorti. Inoltre gie ordnat li tigi assenjata somma ulterjuri ta' €10,000.

Ghaldaqstant jirrizulta li l-attrici, cioe` l-intimata odjerna, ghandha tiehu €50,935.60 li minnhom €40,935.60 jirrapprezentaw sehemha ta' nofs l-flus depozitati bic-cedoli fil-Qorti.

L-ammont rimanenti pretiz ta' €22,750 huwa kopert mis-sehem rimanenti minn dawn l-ammonti li jappartjeni lir-rikorrent.

Ghalhekk il-Qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrent li c-cedoli jkopru l-pretensjoni in mertu.

Illi izda ma taqbilx mar-rikorrent li ghandu jithassar il-mandat billi l-ezekutanti tibqa' inkawtelata. Ic-cedoli saru fl-atti tal-mandat 129/2010 li llum gie revokat u ghalhekk miex prekluza milli terga' titlob kawtela tad-drittijiet taghha.

Madanakollu l-effetti tal-mandat ghandhom jibqghu jghoddu biss fuq l-ammonti depozitati taht l-awtorita` tal-Qorti .

Ghalhekk il-Qorti taqbel li huma soddisfatti l-estremi tal-artikolu **836(1)(c) u (e) tal-Kap.12** *in parte* ghal dak li jirrigwarda assi likwidi ohra.

Illi jibqa' l-ahhar subinciz iccitat mir-rikorrenti - **l-art. 836(1)(f) tal-Kap.Tnax.**

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Spiteri v Darmanin "*** - (PA(JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartikolu u rriteniet: *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ*[2]*. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*"

Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab inizio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux.

---

[2] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***"Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"***

Fil-kaz odjern it-tezi tar-rikorrent huwa proprju li l-mandat ma missux inhareg u mhux li avveraw xi cirkostanzi sussegwenti. Ghalhekk il-Qorti ma ssibx li din ir-raguni hija gustifikata.

**Art.836(8) u (9) tal-Kap.12**

Illi saret talba wkoll sabiex is-sekwestranti jigu kkundannati ihallsu penali abbazi tal-**artikolu 836 (8) (c) u (d) tal-Kap. 12.**

L-**artikolu 836 (8) (c)** jipprovdi:

*"Jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita` tieghu u dwar il-kapacita` finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

L-**artikolu 836(8) (d)** jipprovdi:

*"Jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja."*

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, il-Qrati taghna enunzjaw diversi principji li ghandhom japplikaw. Il-qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali

impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (ara **"Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd**." – P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd"** – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi. Il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Illi fil-kaz **"Paul Attard noe. vs Loreto Abela"** – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, inghad hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("**qui suo jure utitur neminem laedere videtur**"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja,*

*minnflok jiehu l-ligi b'idejh, mghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*"Illi generalment l-abbuz mill-procedura guddizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

Fil-kaz odjern il-Qorti miex tal-fehma li l-ezekutanti agixxiet b'malizja jew li t-talba taghha ghall-hrug tal-mandat kienet wahda frivola u vessatorja. Huwa minnu li c-cedoli jkopru l-ammont pretiz izda dawn ic-cedoli saru fl-atti ta' mandat li llum huwa revokat. Ma hemm xejn hazin li s-sekwestranti mxiet b'mod kawt sabiex tizgura li l-flus gja depozitati jiqbghu milquta b'mandat. Il-Qorti gja kkonkludiet li l-artikolu 836(5) tal-Kap 12 ma japplikax ghall-kaz odjern billi t-tieni mandat, li inhareg wara li l-ewwel gie rrevokat, huwa mibni fuq kawzali differenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tilqa' t-talba** *in parte* billi tordna li l-Mandat ta' Sekwestru numru 51/2016 AF jibqa' validu u effettiv biss fir-rigward tas-sommom depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti in segwitu ghall-mandat 129/2010 illum revokat, u tillibera mill-effetti tal-mandat odjern l-flejjes u depoziti l-ohra.

**Kull parti thallas l-ispejjez tieghu u taghha rispettivament.**

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2016**